AVVIŻI

PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL

SAFI

Il-Ħadd 24 ta' Awwissu 2025 Il-21 Ħadd ta' matul is-sena

Data	Avviżi
Il-Ħadd **24 ta' Awwissu**	• 5.30pm Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija fi żmien il-Festa • Fil-pjazza ikun hemm Lejla Maltija
It-Tnejn **25 ta' Awwissu**	• 6.30pm Quddiesa mmexxija mill-Kappillan ir-Rev. Kan. Ivan Scicluna, bis-sehem tas-Sorijiet Dumnikani, Sorijiet u Reliġjuži mill-parroċċa, u l-Abbatini. Nitolbu għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjuži. • 7.15pm Preżentazzjoni tat-trabi lil Appostlu Missierna San Pawl u fit-8pm ikun hemn il-ħruġ tal-vara ta' San Pawl fuq iz-zuntier bis-sehem tal-Kazin tal-Banda ta' San Pawl
It-Tlieta **26 ta'Awwissu**	• Quddiesa mill-Kappillan Rev. Kan. Ivan Scicluna bis-sehem tat-tfal u iż-Żgħazagħ • 7:30pm Diversi tfal u żgħażagħ jimxu wara xbieha ta' San Pawl mill-Knisja Parrokkjali f'diversi toroq f'Ħal Safi akkumpanjanata minn banda żgħira tal-każin tal-Banda ta' San Pawl
L-Erbgħa **27 ta' Awwissu**	• 6.30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk li għandhom bżonn talb għall-fejqan fir-ruħ u fil-ġisem. Mistiedna speċjali l-anzjani minn Hal Safi u dawk li qed jghixu f'xi residenza tal-anzjani u l-anzjani kollha. Imexxi u jagħmel l-omeliji tal-jiem tat-Tridu, Fr John Muscat. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. • 8pm marċ mill-Banda Santa Marija tal-Mosta
Il-Ħamis **28 ta' Awwissu**	• 5:00pm Qrar • 6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, flimkien mal-għaqdiet kollha tal-parroċċa. Imexxi Fr John Muscat. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali. • 8.45pm Il-Banda tal-Każin ta' San Pawl tesegwiix programm vokali u strumentali fuq il-planċier
Il-Ġimgħa **29 ta' Awwissu**	• Filgħodu Tqarbin tal-Morda fi djarhom. • 5:00pm Qrar • 6:30pm Quddiesa kantata bis-sehem ta' dawk il-koppji li qed jiċċelebraw xi Anniversarju speċjali taż-żwieġ tagħhom, u dawk li żżewġu wara l-festa tas-sena l-oħra biex iġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom. Imexxi Fr John Muscat. Wara l-quddiesa jkun hemm il-Kurunella, l-Antifona u l-Barka Sagramentali.

	• Fid-8.45pm Marċ mill-Banda San Pawl Safi li takkumpanja l-istatwa ta' San Pawl fuq iż-Żiemel.
Is-Sibt **30 ta' Awwissu**	• 8:00am Quddiesa mill-Kappillan Rev. Kan Ivan Scicluna li fiha jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*. • 5:00p Qrar. • 6:00pm Purċissjoni li titlaq mill-Knisja Parrokkjali għall-Knisja ta' Santa Marija. Fejn ikun hemm Inċensazzjoni tar-Relikwa u Translazzjoni mill-Knisja ta' Santa Marija għall-Knisja Parrokkjali. Isir il-kant tal-Innu u tal-Antifona ta' San Pawl. Wara jsir il-kant tal-Għasar Solenni u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi ir-Rev. Kan. Stefan Galea Kononku Onorarju tal-Parroċċa ta' San Pawl Nawfrgu Valletta. • 7:30pm Quddiesa ppreseduta mir-Rev. Kan. Stefan Galea • Il-banda tal-kazin tal-banda ta' San Pawl tagħmel program fuq il-pjancier. Ikun hemm ukoll wirja piroteknika u logħob tan-bar artistiku fil-bypass.
Il-Ħadd **31 ta' Awwissu**	• Fis-6.45 Quddiesa • 9:00am Quddiesa Solenni konċelebrata ta' Jum il-Festa. Jippresidi din il-konċelebrazzjoni solenni mir-Rev. Mons. Vinċenz Cachia. Jinseġ il-paniġierku Rev. Kan. Peter Ellul . • 12:00pm Jibda l-Marċ ta' Filgħodu mill-Banda San Pawl ta' Ħal Safi • 6:00pm Quddiesa ċċelebrata mir-Rev. Kan. Sean Abela Kappillan tal-Mġarr • 7:15pm Tibda l-purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu San Pawl. Imexxi r-Rev. Kan Sean Abela. • 10:30pm Ninġabru fuq iz-zuntier u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-Knisja. Fid-dħul tagħha titkanta l-antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. • Il-Kant kollha waqt il-jiem tal-Festa ser ikun kantat mill-Kor Sine Macula akkumpanjati mill-orkestra taħt id-direzzjoni tal-Mro Alexandra Borg
	AVVIŻI OĦRA
Ġbir Parroċċa	• Matul din il-Ġimgħa daħlu: €280 bħala ġabra tal-Ħadd li għadda. € 430 mill-lotterija li saret • Ġbir envelopes tal-Festa matul din il-Ġimgħa Euro 2460 Total miġbur sa issa Euro 8220